# L-GĦID IL-KBIR 2021

Il-bnedmin, kemm dawk żgħażagħ kif ukoll dawk inqas żgħażagħ, jeħtieġu fl-aħħar mill-aħħar ħaġa waħda: iċ-ċertezza tal-pożitivita' taż-żmien li għaddejjin minnu, ta' ħajjithom, iċ-ċertezza tad-destin tagħhom.

"Kristu rxoxta" Din hi stqarrija tal-pożitivita' tar-reali; hija affermazzjoni kollha mħabba għar-realtà Mingħajr il-qawmien mill-imwiet ta' Kristu hemm alternattiva waħda biss: ix-xejn.

Kristu, għax qam mill-imwiet, hu preżenti f'kull zmien, tul l-istorja kollha L-Ispirtu ta' Ġesù, jiġifieri il-Verb magħmul bniedem, il-bniedem ta' llum jista' jarah u jmissu, fil-qawwa tiegħu li tifdi l-eżistenza kollha ta' kull bniedem u tal-istorja tal-bniedem, fil-bidla radikali li Hu joħloq f'kull min jaħbat fiH, u li bħal Ġwanni u Indri, jimxi warajH.

**Luigi Giussani**

## COMUNIONE E LIBERAZIONE



Giovanni Francesco Romanelli, *Il qaddisin Ġwanni u Pietru fil-qabar*, 1640. © Il-*County Museum of Art* ta' Los Angeles.